MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2008

Numru. 661/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**Vs**

**Emanuel Ellul ta' 48 sena bin il-mejjet Rosario u l-mejta Carmen nee` Camilleri imwieled Zebbug fl-20 ta' Marzu 1960 residenti 57 Arzella Triq il-Klerku Fgura detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 208860M**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Emanuel Ellul u cioe talli fis-26 ta' Lulju 2008 ghal habta ta' 2.30pm u zminijiet u hinijiet qabel zamm fil-fond bl-isem Arzella u f'garaxx li jinsabu fi Triq Klerku Fgura u kellu fil-pussess

u kontroll teghu arma tan-nar u munizzjon u cioe` Airgun tal-marka BSA METEOR Serial Numbru TH51751 u 36 balla ta' diversi kalibru u ghamla minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Akkuzat aktar talli f'Malta gie fil-pussess ta' armi tan-nar jew munizzjoni xort' ohra milli b'licenzja, u naqas li jirraporta minnufih lil Pulizija meta akkwista arma tan-nar 'Airgun' tal-marka BSA METEOR Serial Number TH51751 u munizzjon li hu 36 balla ta' diversi kalibru.

Akkuzat aktar talli fis-26 ta' Lulju 2008 ghall-habta ta' 12.30pm u hinijit qabel fi Triq Klerku Fgura bil-hsieb li jaghmel delitt, ura dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' delitt cioe` ta' offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Aaron Micallef minn Hal-Tarxien.

Akkuzat ukoll talli uza armi irregolari u cioe` hadid u njam fuq il-persuna ta' Aaron Micallef minn Hal-Tarxin u kkagunalu hsara fil-gisem jew fis-sahha cioe` ferita ta' natura hafifa skond ma ccertifika Dr. Kristian Micallef Reg Numru 5090 mill-isptar Mater Dei.

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' Awtorita' jew ta' uhud inkrigati minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel lil dawn cioe` lil membri tal-Korp tal-Pulizija, lil PC942 S. Chircop u PC49 J. Micallef waqt li kienu qeghdin jaghmlu d-dmirijiet taghhom u billi ma hallihomx jaghmlu dak li bil-Ligi kienu ordnati li jaghmlu jew jistghu jaghmlu w billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ghamel skon il-Ligi b'mod li jkun.

Akkuzat ukoll talli fis-26 ta' Lulju 2008 ghal habta ta' 12.30pm u hinijiet qabel minghajr il-hsieb li jisraq jew li jghmel hsara kontra l-Ligi, izda biss li jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel b'awtorita tieghu innifsu billi kaxkar vettura numru tar-Registrazzjoni JBH058 tal-ghamla Ford Ka propjeta' ta' Michelle Mizzi minn Hal-Tarxien.

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi ghamel lil Aaron Micallef u Michelle Mizzi minn Hal-Tarxien ingurji jew theddid mhux imsemmi band' ohra fil-Kodici Kriminali.

Akkuzat aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, b'xi mod iehor mhux imsemmi band' ohra fil-Kodici Kriminali kiser volontrjament il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku.

Rat id-dokumenti esebit;

Semghet il-provi;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja tas-6 ta Awissu, 2008;

Semghet l-ammisjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-provi prodotti u fuq kollox fid-dawl ta' l-ammissjoni maghmulha mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta' l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, l-fatt li kkopera mal-pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom kif ukoll illi l-imputat jidher li ddispjacieh ghal dak illi ghamel. Il-Qorti qed twissi lill-imputat madanakollu li l-imgieba tieghu mhijiex wahda permissibli f'socjeta civilizzata u tali azzjonijiet ma jistghu qatt jigu gustifikati ghall-ebda raguni.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 5(1) u 41 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 41(1)(a), 64(2), 222(1), 214, 221, 338(ee)m 338(dd), 85, 339(d) u 358(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni tieghu stess issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-

Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-imputat ghall-perjodu ta’ sitt (6) xhur prigunerija liema perjodu ta’ prigunerija qieghed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum kif ukoll ghall-hlas ta’ multa ta’ sitt mija u tmienja u disghin euro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81)

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta’ dina s-sentenza.

Il-Qorti tordna l-konfiska tad-dokumenti SZ1. SZ3. SZ9 u SZ10 esebiti fl-atti ta’ din il-kawza.

Finalment b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 il-Qorti qed tqieghed lill-hati taht garanzija ta’ elf mija u hamsa u sittin (€1165) biex bl-ebda mod ma javvicina jew ikellem lil Aaron Micallef u lil Michelle Azzopardi u dan ghal zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------